PARLAMENT TA' MALTA

ĦATRA TA' TECHNICAL SUPPORT OFFICER (ICT/AV)
FIL-KAMRA TAD-DEPUTATI, PARLAMENT TA' MALTA

Sejħa Nru. HR 1/20 datata 20/04/2020

Permess ta' Jobsplus 519/2017

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu kull ġeneru.*

1. Is-Servizz Parlamentari jilqa' applikazzjonijiet għall-kariga ta' Technical Support Officer (ICT/AV) fil-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta.

2. Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna li tingħata l-ħatra ta' Technical Support Officer (ICT/AV) se tkun impjegata mas-Servizz Parlamentari kif imwaqqaf taħt l-Att dwar is-Servizz Parlamentari, fuq bażi ta' impjieg indefinit. Din hi pożizzjoni *full-time*, iżda s-Servizz Parlamentari jista' jikkonsidra ingaġġ ta' Technical Support Officers fuq bażi *part-time*.

2.2 Il-ħatra ta' Technical Support Officer (ICT/AV) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Technical Support Officer (ICT/AV) huwa ta' €19,350 fis-sena, li jiżdied b'żidiet annwali sa massimu ta' €21,601 wara ħames (5) snin servizz fil-grad, suġġett għall-qadi tad-dmirijiet b'mod sodisfaċenti.

3. Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' min jinħatar Technical Support Officer (ICT/AV) jinkludu li:

a) jarma u jħaddem l-apparart awdjo/viżiv, *public address systems*, *video-conferencing systems* u tagħmir tas-sigurtà installat fil-bini tal-Kamra tad-Deputati;
b) jarma u jħaddem il-*mobile TV studio* tal-Parlament ta' Malta;
c) jiżgura li l-apparat awdjo/viżiv, *public address systems*, *video-conferencing systems* u tagħmir ta' sigurtà installat fil-bini tal-Parlament jaħdmu kif suppost u li ssir il-manutenzjoni li jkun hemm bżonn;
d) jiżgura li x-xandiriet awdjo/viżivi tas-seduti plenarji u l-laqgħat tal-kumitati jiġu rrekordjati, *streamed* u arkivjati kif suppost;
e) jidentifika u jsolvi problemi li jinqalgħu waqt is-seduti plenarji u l-laqgħat tal-kumitati;
f) jiżgura li s-sistema tal-*Parliamentary TV channel* taħdem sew, inkluż l-iskedar tal-programmi;
g) jevalwa l-bżonn li jinxtara u jiġi implimentat apparat u *software* ġdid;
h) jagħmel talbiet għal servizzi ġodda jew sabiex jintemmu servizzi eżistenti;
i) jassisti l-uffiċjali tal-Parlament u l-Membri Parlamentari fil-bżonnijiet tagħhom ta' ICT inkluż

it-trasferiment ta' data u ċaqliq ta' apparat;

j) jissorvelja l-manutenzjoni tal-infrastruttura tan-*network*;

k) jieħu ħsieb l-inventarju tal-ICT u jżomm *stock* addattat ta' *computer consumables*, *spares* u aċċessorji;

l) responsabbli min-*network* awdjo/viżiv u s-*server rooms*;

m) jara li jinżammu l-*istandards* ta' sigurtà neċessarji fis-*server rooms*;

n) ittestjar ta' *system applications* u *enhancements* u jassisti fil-*user acceptance testing*;

o) jipprovdi u/jew janalizza *data* għal skopijiet ta' verifika jew rappurtar;

p) jiżgura li jkun hemm proċeduri u prattiki fil-qasam tal-ICT;

q) jamministra drittijiet ta' aċċess;

r) jipprovdi sapport għall-użu/introduzzjoni ta' *mobile technologies* bħall-iOS/Android/Windows *mobile devices* u *cloud-based computing*;

s) iżomm kuntatt ma' terzi li jipprovdu servizzi ta' ICT lill-Parlament; u

t) jaqdi kull dmir u dover ieħor, skont il-ħtieġa tas- Servizz Parlamentari, kif inkarigat mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jew mill-Iskrivan tal-Kamra.

3.2 Waqt il-qadi ta' dmirijietu, it-Technical Support Officer (ICT/AV) għandu:

- iġib ruħu sew u juri manjieri tajba mal-Membri Parlamentari, mas-superjuri u l-kollegi tiegħu, u ma' dawk li jżuru l-Parlament;
- iġib ruħu b'mod għaqli u diskret, kif ukoll ikun kapaċi jaqdi dmirijietu b'mod imparzjali u mhux partiġġjan;
- ikun kapaċi jibqa' kalm taħt pressjoni u li jeżerċita ġudizzju tajjeb; u
- ikun kapaċi jaħdem ħinijiet twal u imprevedibbli, inkluż wara l-ħin normali tal-uffiċċju.

## 4. Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) (i) ikollhom, jew ġew approvati għall-għoti ta' mill-anqas Higher Technician Diploma f'Livell 5 tal-MQF (b'minimu ta' 60 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti għall-programmi li bdew minn Ottubru 2003) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u komparabbli f'*Audio/Visual* jew *Computer Studies*; jew
(ii) ikollhom kwalifika rikonoxxuta (fuq bażi ta' sentejn *full-time* jew ekwivalenti) f'Livell 4 tal-MQF b'minimu ta' 120 *ECTS/ECVET credits* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u komparabbli f'*Audio/Visual* jew *Computer Studies*, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza xierqa u ppruvata;

(c) ta' karattru tajjeb; u

(d) kapaċi jikkomunikaw sew bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliża.

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li, minbarra r-rekwiżiti indikati f'paragrafu 4.1 (b) (i), juru li għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti.

4.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta tajba u għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data ta' din is-Sejħa għall-Applikazzjonijiet. Applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw *Service and Leave Record Form* (GP 47).

4.4 L-applikanti għandhom ikunu eliġibbli sabiex jiġu maħtura skont paragrafu 4.1 hawn fuq mhux biss fid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

## 5. Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku jiġu aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista. Fejn meħtieġ, l-applikanti għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent mingħand l-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki tagħhom, jew minn awtoritajiet rikonoxxuti oħra.

## 6. Proċedura tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal- għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija (100), u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin (50).

6.2 L-applikanti eliġibbli jistgħu jiġu mitluba joqogħdu għal test prattiku.

## 7. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

7.1 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' Ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija u *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mill Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, Misraħ il-Ħelsien, Il-Belt Valletta VLT 1111. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll b'mod elettroniku fl-indirizz clerkofthehouse@parlament.mt sa mhux aktar tard minn **nofsinhar (12.00pm) CET tal-Ġimgħa, 23 ta' April 2021**. L-applikazzjonijiet ser ikunu maqsuma fi proċessi tal-għażla differenti.

7.2 Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-ħatra ta' Technical Support Officer (ICT/AV) fil-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta qiegħda titqiegħed fuq is-sit elettroniku tal-Parlament ta' Malta fl-indirizz www.parlament.mt/vacancies. In-numru tat-telefown tat-Taqsima Riżorsi Umani u Finanzi tal-Kamra tad-Deputati huwa: +356 2559 6321.

7.3 L-ewwel proċess tal-għażla ser jikkonsidra applikazzjonijiet li jaslu sa **nofsinhar (12.00pm) CET tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2020**. Proċessi tal-għażla sussegwenti jikkunsidraw applikazzjonijiet sottomessi mhux aktar tard minn **nofsinhar (12.00pm) tad-dati indikati hawn isfel**:

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 8 May 2020 u Data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 10 ta' Lulju 2020
Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 10 ta' Lulju 2020 u Data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2020
Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru 2020 u Data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2021
Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2021 u Data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 23 ta' April 2021

7.4 Applikanti jingħataw sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ ġranet tax-xogħol (2) mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti nieqsa jew li jerġgħu jissottomettu dokumenti li jitqiesu bħala mhux korretti jew mhux kompluti.

7.5 Dawk l-applikanti magħżula jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultat tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

7.6 Tiġi ppubblikata lista ta' ordni tal-mertu għal kull proċess tal-għażla. Kull lista ta' ordni tal-mertu li tiġi ppubblikata tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni

## 8. Dispożizzjonijiet Ġenerali

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra li jikkonċernaw din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

- akkomodazzjoni raġjonevoli għall-persuni b'diżabbiltà rreġistrati;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati; ottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent dwar
- ilkwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;
- eżami mediku; u
- żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Parlament ta' Malta fl-indirizz www.parlament.mt/vacancies jew jinkisbu mit-Taqsima Finanzi u Amministrazzjoni tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

20 ta'April 2020